

L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2017 jeżamina l-progress u l-isfidi fil-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Unjoni Ewropea kollha mill-2005 sal-2015. Bl-użu ta' skala minn 1 (inugwaljanza totali) sa 100 (ugwaljanza totali), dan ikejjel id-differenzi bejn in-nisa u l-irġiel f'oqsma ewlenin tal-qafas ta' politika tal-UE (ix-xogħol, il-flus, l-għarfien, il-ħin, il-poter u s-saħħa). L-Indiċi jkejjel ukoll il-vjolenza kontra n-nisa u l-inugwaljanzi inkroċjati. Dawn huma oqsma satellita u huma parti mill-qafas tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi, iżda ma għandhomx impatt fuq il-punteġġ globali. L-inugwaljanzi inkroċjati juru kif is-sess jinkroċja mal-età, l-edukazzjoni, il-kompożizzjoni tal-familja, il-pajjiż tat-twelid u d-diżabbiltà. L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi jipprovdi riżultati għal kull qasam u sottoqasam għall-UE u t-28 Stat Membru tagħha (1).

Progress fl-ugwaljanza bejn is-sessi f'Malta, 2005-2015

Fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2017, Malta kisbet punteġġ ta' **60.1 minn 100**, li huwa 4.1 punti ogħla milli kien fl-2005. Il-punteġġ ta' Malta huwa madwar sitt punti taħt il-medja tal-UE-28. Malta qiegħda fl-15-il post fl-UE-28, li hija l-istess pożizzjoni tal-2005.

Il-punteġġ tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qasam tas-**saħħa** huwa l-ogħla f'Malta. Hija tinsab fit-tielet post fl-UE, fejn qabżet żewġ pożizzjonijiet mill-2005. Malta hija fost l-Istati Membri bl-aħjar prestazzjoni fl-UE-28 fis-sottoqasma kollha.


L-akbar titjib seħħ fil-qasam tal-**flus**, minħabba żieda relevanti fl-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qliġ u l-introjt. Minkejja l-fatt li l-punteġġ ta' Malta fir-rigward tas-sitwazzjoni ekonomika ma ċċaqlaqx mill-2005 sal-2015, f'dan is-sottoqasam Malta għandha s-seba' l-ogħla punteġġ tal-UE-28.

L-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qasam tax-**xogħol** ukoll għamlet progress. Madankollu, hemm ħafna lok ta' titjib fis-sottoqasam tal-parteċipazzjoni, li fih Malta tinsab fis-27 post fl-UE-28. Mill-banda l-oħra, il-punteġġ ta' Malta għas-sottoqasam tas-segregazzjoni huwa t-tieni l-ogħla fl-Unjoni Ewropea.

Il-punteġġ fil-qasam tal-**għarfien** żdied bi ftit. Is-sitwazzjoni tjiabet, f'termini ta' ugwaljanza bejn is-sessi, fis-sottoqasam tal-kisba u l-parteċipazzjoni, għalkemm ħżienet fir-rigward tas-segregazzjoni. Madankollu, il-punteġġ f'dan is-sottoqasam jibqa' l-ogħla fl-UE-28, li jindika li s-segregazzjoni jista' jkun li mhijex sfida ewlenija għal Malta.

Rigward l-allokazzjoni tal-**ħin**, Malta saret aktar ugwali bejn is-sessi fir-rigward tal-attivitajiet ta' kura, filwaqt li marret lura daqsxejn f'termini tal-attivitajiet soċjali. B'riżultat ta' dan, il-punteġġ tal-qasam żdied bi ftit.

Il-punteġġ l-aktar baxx f'Malta huwa fil-qasam tal-**poter**. Il-punteġġ ma ċċaqlaqx u jinsab fit-23 post fl-UE-28. Żewġ sottoqasma marru lura daqsxejn (il-poter politiku u ekonomiku) u wieħed biss għamel progress relattiv (il-poter soċjali).



↑↓ Bidla fil-punteġġ mill-2005 sal-2015

(1) L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2017 huwa bbażat fuq id-*data* tal-Eurostat (l-istatistika dwar l-Edukazzjoni, l-Istħarriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol, l-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti, l-Istatistika tal-UE dwar l-Introjt u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien, l-Istħarriġ dwar l-Istruttura tal-Qliġ), tal-Eurofound (l-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja, l-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol), tal-Bażi tad-*Data* tal-Istatistika dwar is-Sessi tal-EIGE (In-Nisa u l-irġiel fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet) u tal-istħarriġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-Vjolenza Kontra n-Nisa. Is-sena ta' referenza hija l-2015 (l-2014 għad-*data* dwar l-inugwaljanzi inkroċjati). L-età tal-popolazzjoni referenzjarja għall-indikaturi hija 15+, 16+ jew 18+, skont is-sors.

Ix-xogħol

L-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qasam tax-xogħol tjiebet.

Ir-rata ta' impjieg (20-64) hija 54 % għan-nisa kontra 81 % għall-irġiel. Ir-rata ta' impjieg totali hija ta' 68 %. Malta mhijiex 'il bogħod mill-mira nazzjonali tagħha (70 %) tal-istrateġija Ewropa 2020 (UE2020).

Id-disparità bejn is-sessi fir-rata ta' impjieg hija simili meta jitqiesu l-għadd ta' sigħat maħduma. Ir-rata ta' impjieg ekwivalenti full-time (FTE) tan-nisa hija ta' madwar 35 % meta mqabbla ma' 62 % għall-irġiel.


Ir-rata ta' impjieg FTE tiżdied u d-disparità bejn is-sessi tonqos hekk kif jiżdiedu l-livelli tal-edukazzjoni.

Fost in-nisa u l-irġiel f'koppja bit-tfal, ir-rata ta' impjieg FTE għan-nisa hija ta' 49 % meta mqabbla ma' 91 % għall-irġiel. Din id-disparità bejn is-sessi hija ferm ogħla minn dik tal-koppji mingħajr tfal (42 punt perċentwali (p.p.) għall-koppji mingħajr tfal u 14 p.p. għall-koppji bit-tfal).

28 % tan-nisa jaħdmu part-time, meta mqabbla ma' 8 % tal-irġiel. Bħala medja, in-nisa jaħdmu 34 siegħa fil-ġimgħa, meta mqabbla ma' 41 siegħa għall-irġiel. 9 % tan-nisa fl-età tax-xogħol kontra 0.4 % tal-irġiel fl-età tax-xogħol jew huma barra mis-suq tax-xogħol jew jaħdmu part-time minħabba responsabbiltajiet ta' kura.


Is-segregazzjoni tas-sessi fis-suq tax-xogħol hija realtà kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, għalkemm f'livell aktar baxx milli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE. Kważi 32 % tan-nisa jaħdmu fl-edukazzjoni, is-saħħa tal-bniedem u attivitajiet tal-ħidma soċjali (EHW), meta mqabbla ma' 10 % tal-irġiel.

Dominju tax-xogħol




Sottodominji

Parteċipazzjoni



Segregazzjoni u kwalità tax-xogħol



Il-flus

Il-punteġġ fil-qasam tal-flus żdied. L-ugwaljanza bejn is-sessi tjiebet fir-rigward tal-qliġ u l-introjt, filwaqt li ma' ċċaqalqitx fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-ġid u l-faqar.

Il-qliġ medju fix-xahar tan-nisa u l-irġiel żdied, għalkemm id-disparità bejn is-sessi żdiedet daqsxejn. In-nisa jaqilgħu madwar 15 % anqas mill-irġiel kull xahar.


Id-disparità bejn is-sessi hija ogħla fost in-nisa u l-irġiel f'koppja bit-tfal, fost l-anzjani (65+) u fost il-persuni b'edukazzjoni għolja, dejjem għad-detriment tan-nisa.

Il-popolazzjoni tan-nisa u l-irġiel fir-riskju tal-faqar żdiedet daqsxejn kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Ir-riskju jaffettwa lin-nisa u l-irġiel bejn wiehied u ieħor bl-istess intensità (madwar 16 % u 15 %, rispettivament). 45 % tal-omnijiet waħedhom (meta mqabbla ma' 14 % tal-missirijiet waħedhom) huma fir-riskju tal-faqar.

L-inugwaljanzi fid-distribuzzjoni tal-introjt fost in-nisa ma' nbidlux, filwaqt li żdiedu daqsxejn fost l-irġiel. B'mod ġenerali, id-disparità bejn is-sessi naqset.


Id-disparità bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa hija ta' 11 % għad-detriment tan-nisa, li hija aktar baxxa mill-medja ta' 16 % għall-UE-28. Fl-2012, in-nisa kellhom pensjonijiet aktar baxxi mill-irġiel, b'disparità bejn is-sessi ta' 18 %. Il-medja tal-UE-28 hija ta' 38 %.

Dominju tal-flus




Sottodominji

Riżorsi finanzjarji



Sitwazzjoni ekonomika



L-għarfien

Il-punteġġ fil-qasam tal-għarfien żdied. L-ugwaljanza bejn is-sessi tjiebet fir-rigward tal-kisba u l-parteċipazzjoni, iżda marret lura fir-rigward tas-segregazzjoni.

L-għadd ta' gradwati terzjarji żdied b'mod sinifikanti, l-aktar fost in-nisa. 16 % tan-nisa u l-irġiel għandhom kwalifika terzjarja. Id-disparità, li fl-2005 kienet għad-detriment tan-nisa, ġiet illivellata. Sal-età ta' 49 sena, hemm aktar nisa milli irġiel li temmew edukazzjoni terzjarja.


5 % biss tan-nisa b'diżabbiltajiet kisbu edukazzjoni terzjarja, meta mqabbla ma' 18 % tan-nisa mingħajr diżabbiltajiet. Għall-irġiel, dawn il-proporzjonijiet huma 7 % u 18 %, rispettivament.

Malta ma laħqitx il-mira nazzjonali tagħha skont UE2020 li 33 % tal-persuni fl-etajiet ta' 30-34 sena jkisu edukazzjoni terzjarja. Ir-rata attwali hija ta' 28 %.

Il-parteċipazzjoni tan-nisa fit-tagħlim tul il-ħajja żdiedet daqsxejn. Fil-każ tal-irġiel, din baqgħet l-istess.

F'Malta, is-segregazzjoni tas-sessi fil-qasam tal-għarfien għadha qasam problematiku. 50 % tal-istudenti nisa huma kkonċentri fl-oqsma tal-edukazzjoni, is-saħħa u l-benesseri, ix-xjenzi umanistiċi u l-arti, meta mqabbla ma' 30 % tal-irġiel. Ta' min jinnota, madankollu, li din id-disparità hija fost l-iċken fl-UE-28.

Dominju tal-għarfien



Sottodominji



Il-ħin

Fil-qasam tal-ħin, il-punteġġ żdied. Is-sitwazzjoni saret aktar ugwali bejn is-sessi fis-sottoqasam tal-attivitajiet ta' kura, filwaqt li l-inugwaljanzi żdiedu fis-sottoqasam tal-attivitajiet soċjali.


In-nisa jieħdu aktar responsabbiltajiet biex jieħdu ħsieb il-familja tagħhom. 42 % tan-nisa jieħdu ħsieb u jedukaw lill-membri tal-familja tagħhom għal mill-anqas siegħa kuljum, meta mqabbla ma' 25 % tal-irġiel. Din id-disparità bejn is-sessi naqset. Fost in-nisa u l-irġiel f'koppja bit-tfal, in-nisa huma ferm aktar involuti fl-attivitajiet ta' kura ta' kuljum (85 %) milli l-irġiel (58 %).

81 % tan-nisa jsajru u jagħmlu x-xogħol tad-dar kuljum għal mill-anqas siegħa, meta mqabbla ma' 37 % biss tal-irġiel — disparità li naqset daqsxejn. Id-disparità bejn is-sessi hija aktar wiesgħa fost in-nisa u l-irġiel f'koppja bit-tfal, b'96 % tan-nisa u 31 % tal-irġiel isajru u jagħmlu x-xogħol tad-dar kuljum.


L-inugwaljanza fil-kondiviżjoni tal-ħin id-dar testendi b'mod parzjali biss għall-attivitajiet soċjali. L-irġiel huma daqsxejn aktar probabbli min-nisa li jipparteċipaw f'attivitajiet sportivi, kulturali u ta' divertiment barra d-dar (26 % kontra 25 %). Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet volontarji jew tal-karità hija wkoll marġinalment ogħla għall-irġiel milli għan-nisa (11 % u 10 %, rispettivament).

18 % tat-tfal taħt it-tliet snin u 88 % tat-tfal bejn l-età ta' tliet snin u l-età tal-iskola huma rreġistrati f'faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal. Malta ma laħqitx l-ewwel 'mira ta' Barcellona', jiġifieri li mill-anqas 33 % tat-tfal taħt it-tliet snin ikunu f'faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal. Fir-rigward tat-tieni mira – jiġifieri li mill-anqas 90 % tat-tfal ta' bejn it-tliet snin u l-età tal-iskola jkunu f'faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal – Malta tinsab qrib li tilħaq din il-mira u tinsab 'il fuq mill-medja tal-UE-28.

Dominju tal-ħin



Sottodominji



Il-poter


Il-punteġġ fil-qasam tal-għarfien ma ċċaqlaqx. Kien hemm xi titjib fir-rigward tar-rappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-poter soċjali. Madankollu, is-sitwazzjoni saret aktar inugwali bejn is-sessi fir-rigward tal-poter politiku u ekonomiku.

Is-sottoqasam tal-poter politiku mar lura. Il-perċentwal tal-ministri nisa naqas minn 16 % fl-2005 għal madwar 10 % fl-2015. Mill-banda l-oħra, l-ugwaljanza bejn is-sessi tjebet fil-parlament, bin-nisa jiksbu 13 % tas-siġġijiet fl-2015, meta mqabbel ma' 6 % fl-2005. Fil-kunsilli lokali, is-sitwazzjoni baqgħet l-istess (22 %).


Il-perċentwal tan-nisa f'bordijiet korporattivi ta' kumpaniji elenkati fil-Borża baqa' fil-biċċa l-kbira l-istess (3 % fl-2005; 4 % fl-2015). In-nisa naqsu fil-pożizzjonijiet ta' teħid tad-deċiżjonijiet fil-bank ċentrali, fejn kienu jirrappreżentaw 25 % tas-siġġijiet fl-2005 meta mqabbla ma' 20 % tas-siġġijiet fl-2015.

15 % tal-membri tal-bordijiet ta' organizzazzjonijiet ta' finanzjament tar-riċerka huma nisa. In-nisa jiffurmaw madwar 17 % tal-membri tal-bordijiet tal-organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliku. Fl-isport, in-nisa jirrappreżentaw biss 9 % tal-membri tal-ogħla korpi li jieħdu deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-isport Olimpiku.

Dominju tal-poter



Sottodominji



Is-saħħa

Il-punteġġi fil-qasam tas-saħħa żdiedu daqsxejn, fl-istatus u fl-aċċess, filwaqt li l-punteġġ tal-imġiba ma ċċaqlaqx.

Is-sottoqasam tal-istatus ikejjel il-perċezzjoni tas-saħħa, l-istennija ta' tul tal-ħajja u s-snin ta' ħajja b'saħħitha. Kważi l-indikaturi kollha tjebru fil-punteġġ. Id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel naqset fir-rigward tas-saħħa awtoperċepita, filwaqt li baqgħet l-istess fl-istennija ta' tul tal-ħajja. F'dak li jirrigwarda s-snin ta' ħajja b'saħħitha, in-nisa jesperjenzaw sentejn aktar ta' ħajja b'saħħitha mill-irġiel.


L-istennija ta' tul tal-ħajja żdiedet kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. In-nisa bħala medja jgħixu aktar minn 4 snin aktar mill-irġiel.

70 % tan-nisa u 72 % tal-irġiel jivvalutaw is-saħħa tagħhom bħala "tajba" jew "tajba ħafna". Il-livelli ta' sodisfazzjon dwar is-saħħa proprja jiżdiedu mal-livelli tal-edukazzjoni; id-disparità bejn is-sessi hija akbar fost persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni milli fost dawk b'livelli medji u għoljin ta' edukazzjoni.


Iż-żieda fis-sottoqasam tal-aċċess hija riflessjoni taż-żieda fil-livelli tal-ħtiġijiet mediċi u dentali ssodisfati fost in-nisa u l-irġiel, u tat-tnaqqis tad-disparità bejn is-sessi.

44 % tal-irġiel ipejpu jew jixorbu b'mod eċċessiv, meta mqabbla ma' 30 % tan-nisa. Fl-istess ħin, ftit aktar irġiel milli nisa jimpenjaw ruħhom f'imġiba tajba għas-saħħa (attivitajiet fiżiċi u/jew jikkunsmaw frott u ħaxix).

Dominju tas-saħħa



Sottodominji




Il-vjolenza


Il-vjolenza kontra n-nisa hija inkluża fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi bħala qasam satellita. Dan ifisser li l-punteġġi tal-qasam tal-vjolenza ma għandhomx impatt fuq il-punteġġ finali tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Minn perspettiva statistika, il-qasam tal-vjolenza ma jkejjilx id-disparitajiet bejn in-nisa u l-irġiel kif jagħmlu l-oqsma ewlenin. Pjuttost, huwa jkejjel u janalizza l-esperjenzi ta' vjolenza tan-nisa. B'differenza minn oqsma oħra, l-objettiv ġenerali mhuwiex li jitnaqqsu d-disparitajiet bejn in-nisa u l-irġiel, iżda li l-vjolenza tiġi eradikata kompletament.

Punteġġi għoli fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi jfisser li pajjiż ikun qrib li jikseb soċjetà ugwali bejn is-sessi. Madankollu, fil-qasam tal-vjolenza, aktar ma jkun għoli l-punteġġ, aktar il-fenomeni tal-vjolenza kontra n-nisa fil-pajjiż ikun serju. Fuq skala ta' 1 sa 100, 1 jirrappreżenta sitwazzjoni fejn il-vjolenza tkun ineżistenti u 100 jirrappreżenta sitwazzjoni fejn il-vjolenza kontra n-nisa tkun estremament komuni, gravi ħafna u ma tiġix żvelata. Il-pajjiż bl-aħjar prestazzjoni għalhekk huwa dak bil-punteġġ l-aktar baxx.

Qafas tal-kejl tad-dominju tal-vjolenza



Dominju tax-xogħol




Il-punteġġ ta' Malta għall-qasam tal-vjolenza huwa 25.2, li huwa daqsxejn anqas mill-medja tal-UE ta' 27.5.

F'Malta, 22 % tan-nisa esperjenzaw vjolenza fiżika u/jew sesswali mill-anqas darba mill-età ta' 15-il sena. Fl-UE-28, il-medja hija ta' 33 %.

8 % tan-nisa li esperjenzaw vjolenza fiżika u/jew sesswali minn kwalunkwe awtur fl-aħħar 12-il xahar ma qalu lil ħadd. Din ir-rata hija aktar baxxa minn dik stmata fil-livell tal-Unjoni Ewropea (13 %).

Fil-livell tas-soċjetà, il-vjolenza kontra n-nisa tiswa lil Malta madwar EUR 190 miljun fis-sena permezz ta' output ekonomiku mitluf, użu ta' servizzi u spejjeż personali ⁽²⁾.


Il-qasam tal-vjolenza huwa magħmul minn tliet sottoqasmi: il-**prevalenza**, li jkejjel kemm isseħħ ta' spiss il-vjolenza kontra n-nisa; is-**severità**, li jkejjel il-konsegwenzi tal-vjolenza fuq is-saħħa; u l-**iżvelar**, li jkejjel ir-rappurtar tal-vjolenza.



⁽²⁾ Dan huwa eżerċizzju magħmul fil-livell tal-UE biex jistma l-ispejjeż tat-tliet dimensjonijiet ewlenin: is-servizzi, l-output ekonomiku mitluf u l-uġiġ u s-sof-ferenza tal-vittmi. L-istimi kienu estrapolati għall-UE minn studju tal-każ tar-Renju Unit, ibbażat fuq id-daqs tal-popolazzjoni. EIGE, *Estimating the costs of gender-based violence in the European Union* (Stima tal-ispejjeż tal-vjolenza sessista fl-Unjoni Ewropea), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-Lussemburgu, 2014, p. 142 (disponibbli minn: <http://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/MH0414745EN2.pdf>).

Karatteristiċi u benefiċċji uniċi tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2017

Ir-riżultati juru li l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi ta' Malta huwa taħt il-medja tal-UE-28, li jħalli lok konsiderevoli għal titjib, speċjalment fil-qasam tal-poter. Sabiex tintlaħaq ugwaljanza sħiħa bejn is-sessi, huwa meħtieġ approċċ aktar immirat u olistiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi.



L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi:

- jimmonitorja l-progress fl-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE kollha u maż-żmien;
- jappoġġja lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jivvalutaw kemm l-Istati Membri jonqoshom biex jilħqu l-ugwaljanza bejn is-sessi;
- juri r-riżultati differenti tal-politiki tal-UE u dawk nazzjonali għan-nisa u l-irġiel;
- jippermetti analiżi sinifikanti tas-sessi u tqabbil bejn oqsma ta' politika differenti;
- jappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi;
- iżid is-sensibilizzazzjoni fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-pubbliku lejn il-progress u l-isfidi fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-ugwaljanza bejn is-sessi;
- jissottolinja l-lakuni fid-data u jappella għal data armonizzata u komparabbli li tkun diżaggregata skont is-sess u disponibbli għall-Istati Membri kollha.

Aqra aktar dwar l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2017

- Ir-rapport prinċipali (2017)
- Is-sejbiet ewlenin (2017)
- Pass bil-mod ħafna lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi: skeda informattiva (2017)
- Ir-rapport metodoloġiku (2017)
- Qafas għall-kejl tal-vjolenza kontra n-nisa (2017)
- L-inugwaljanzi inkroċjati (li jmiss)

Esplora l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi u d-data sħiħa għal Malta f'<http://eige.europa.eu/gender-equality-index>

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, EIGE

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-ċentru ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tal-UE. L-EIGE jappoġġja lil min ifassal il-politika u l-istituzzjonijiet rilevanti kollha fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel realtà għall-Ewropej kollha billi jipprovdihom tagħrif espert speċifiku u data komparabbli u affidabbli dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Ewropa.

© L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, EIGE, 2018
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal aktar tagħrif

<http://eige.europa.eu/>

facebook.com/eige.europa.eu

twitter.com/eurogender

youtube.com/user/eurogender

eige.sec@eige.europa.eu

+370 52157444



European Institute for Gender Equality, EIGE
Gedimino pr. 16
LT-01103 Vilnius
LITHUANIA

Paper: MH-04-18-192-MT-C 978-92-9470-474-0 10.2839/796727
PDF: MH-04-18-192-MT-N 978-92-9470-472-6 10.2839/414102